MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2010

Numru 248/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Angelo Gafa**
**Vs**

**ANTHONY TANTI**

**Il-Qorti:-**

Rat li l-imputat **ANTHONY TANTI** ta' sebgha w erbghin sena, bin Joseph u Mary Grace nee Xuereb, imwieled Haz Zebbug nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Lulju 1962 u residenti 26, Triq F. Farrugia, Haz Zebbug, detentur tal-karta tal-identita numru 4594626M gie mressaq quddiemha akkuzat:-

1. Talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew

importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe hdax il-elf prodott tal-marka MK;

2. Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, ghal qliegh, jew ghal skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;
3. Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr l-kunsens tal-proprjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghal bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakketjar taghhom kellu fuqu, sinjal identiku ghal jew li x'akarx jithawwad ma trade mark registrata u b'hekk sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 et seq tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija tal-Qorti tal-Magistrati fit-tlieta ta' Frar 2005, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk ikun il-kaz, f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mill-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti kollha esibiti kif wkoll, jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil imputat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti nkluz l-kwerela ta' Dottor Michael Tanti Dougall esibita bhala Dok. AG I, (fol. 17), kwerela ohra datata hmistax ta' Lulju 2005 esibita bhala Dok. AG 2 (fol. 20), l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 esibita bhala Dok. AG 3 (fol. 21), sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar t-tlieta ta' Frar 2005 fil-konfront tal-imputat odjern esibita bhala Dok. AG 6 (fol. 45) u l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Jannar 2008 (fol. 309).

Rat il-verbal taghha tas-sitta w ghoxrin (26) ta’ Novembru 2009 fejn hija tat zmien lill-partijiet sabiex jipprezentaw in-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom.

Ikkunsidrat:

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta’ Marzu 2006 **xehed l-Ispettur Angelo Gafa** (fol. 9) fejn qal li fis-sajf tas-sena 2005, qabel Lulju, kellu laqgha ma l-Ispettur Kevin Borg u l-Assistant Kummissarju Michael Cassar ghal liema kienu attendew l-Avukat Dottor Michael Tanti Dougall kif ukoll il-propjetarju ta’ International Trading Company Licencee, fejn kienu gew infurmati li kien hemm diversi prodotti tal-marka MK fis-suq li kienu kontrafatti. Qal li dawn l-allegazzjonijiet kienu wkoll sostanzjati b’xiri attwali u f’dik il-laqgha kienu gew gwidati rigward certu *features* li kienu jinsabu fil-prodotti originali u dawk differenti fil-prodotti kontrafatti.
Spjega li qabel dik il-laqgha kien wkoll mar xi delegat tal-kumpanija MK, fejn kien ghamel *lecture* fl-Akkademja tal-Pulizija lil kull ufficjal fit-taqsima ta’ kontra r-reati ekonomici u wara li kellhom dan il-*briefing* w anke gew *aware* bid-differenzi bejn prodotti genwini u dawk kontrafatti, fil-hmistax ta’ Lulju 2005 kien gie mghoddi kwerela fejn fiha kien hemm indikati ghaxar hwienet li allegatament kienu qed ibieghu prodotti MK kontrafatti.

Spjega li hu kien ippresenta rikors u fit-tnejn w ghoxrin ta’ Lulju 2005 il-Magistrat ta’ l-ghassa Dottor Giovanni Grixti kien hareg ghaxar mandati ta’ tfittxija f’diversi hwienet partikolari, kif indikati minn Dottor Michael Tanti Dougall. Zied jghid li kienu ftehmu li jaqbdu hamsa hu, u hamsa l-Ispettur Kevin Borg u fil-fatt il-hwienet li kienu gew assenjati lilu, kienu ‘Peter’s Trading’, ‘Johnston Ironmongery’ li t-tnejn jinsabu f’San Pawl il-Bahar, ‘R&G Ironmongery’ u ‘Patrick Mifsud Ironmongery’ li jinsabu fil-Mosta u ‘Domnic Department Store’ li jinsab f’Victoria, Ghawdex.

Qal li kienu ghazlu l-gurnata tat-Tnejn, hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 bhala l-gurnata li fiha kellu jesegwixxi dawn il-mandati.  Fil-fatt, zied jghid ix-xhud, dik il-gurnata tal-

hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, PS 1124 Micallef, PS 824 Mercieca, PC 569 Cassar u PC 474 Norbert Said kienu dettaljati minnu sabiex iwettqu tfittxijiet fl-ewwel erbgha hwienet, peress li l-ahhar wiehed kien jikkoncerna hanut f' Ghawdex.

Spjega li mill-ewwel hanut 'Peter's Trading' gew elevati tnejn u hamsin *wiring devices* tal-marka MK kollha suspettati kontrafatti, u wara li ghamel l-ezamijiet tieghu, gew mghoddija sebgha *units* lill-propjetarji, jigifieri minn dawn it-tnejn u hamsin, kienu ghaddew sebgha minnhom lis-sid minn fejn kienu gew elevati . Spjega li hu kien tkellem mal-propjetarju Peter Paul Micallef detentur tal-karta tal-identita numru 53053M fejn dan, wara li nghata s-solitu twissija, rrilaxxja stqarrija li fiha stqarr li dawk il-prodotti kienu gew mixtrija minn impjegat tieghu certu Vince Xuereb minghand certu Jeffrey Mallia, li kien impjegat ma JP. Baldacchino.

Qal li dan kien insista mieghu li ma kienx konxju tal-fatt li dawk il-*wiring devices* ta' l-MK kienu kontrafatti. Zied jghid li hu, hemmhekk imbghad kompla jitkellem ma Vince Xuereb fejn dan ukoll wara li gie moghti s-solitu twissija, rrilaxxja stqarrija w ikkonferma li kien xtrahom minghand dan Jeffrey Mallia daqs erbgha xhur qabel. Qal li Vince Xuereb kien qallu li jaf li Jeffrey ma kienx impjegat ma l-ITC, il-kumpanija hawn Malta li hija l-agent tal-marka MK, pero dan qal li ma ra xejn suspettuz f'dawn il-prodotti ghall-fatt li dak z-zmien, permezz ta' liberalizzazzjoni tas-suq, kulhadd setgha jimporta prodotti. Qal li dan kien stqarr mieghu li l-prodotti MK li kien qed jissuplixxu dan Jeffrey Mallia, kienu irhas minn dawk tal-agent ta' l-MK hawn Malta, u cioe ta' l-ITC.

Spjega li t-tfittixija l-ohra li saret fil-'Johnston Ironmongery' tat rizultat fin-negattiv, ghax ma sabux prodotti kontrafatti ghandu.

Kompla jghid li minn hanut iehor bl-isem 'R&G' li jinsab f'"Independence Avenue fil-Mosta, PS 824 Mercieca, PS 569 Cassar u PC 474 Norbert Said elevaw hamsin *unit* ukoll *wiring devices* tal-marka MK, li kellhom suspett li

kienu foloz, izda li wara li hu ezaminhom, tlieta minnhom gew mghoddija lura lis-sid, jigifieri b'kollox gew elevati sebgha w erbghin.

Ix-xhud issokta jghid li l-propjetarju Raymond Bonnici ukoll rrilaxxja stqarrija wara li gie moghti s-solitu twissija fejn fiha rrimarka li kien Jeffrey Mallia bhala l-persuna li kien ssuplixxiehom b'dawn il-prodotti. Qal li dan kien stqarr mieghu li kien regolarment jixtri MK *wiring devices* minghand certu Louis, li hu *salesman* ma l-ITC u li dan kien ihallih jidhol liberalment biex jara xi *stock* kellu bzonn igiblu. Kompla jghid li dan kien wkoll stqarr mieghu li ma kienx konxju mill-fatt li l-prodotti 'n kwistjoni kienu kontrafatti u dan ghal darb'ohra rrimarka li dak iz-zmien kulhadd setgha jimporta prodotti anke *through parallel trading*.

Ix-xhud kompla jghid li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju kienet ukoll saret tfittxija fil-hanut maghruf bhala 'Patrick Mifsud Ironmongery', fejn meta marru l-pulizija f'dan l-istabbiliment ghal ewwel kienu sabuh maghluq, izda l-ghada, meta saret tfittxija, din ukoll irrisultat fin-negattiv.

Qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, irnexxielu jintraccja lil dan Jeffrey Mallia, detentur tal-karta tal-identita numru 533563M u talbu sabiex imur id-depot sabiex ikelmu. Jghid li qabduh fuq il-*mobile* u dan attenda volontarjament fl-ufficcju tieghu, fejn wara li gie moghti s-solitu twissija, dan kien ammetta mieghu li vera kien issuplixxa diversi *wiring devices* tal-marka MK izda ghall-bidu ma riedx jikxef is-sors minn fejn kien gab dawn il-prodotti pero sussegwentement stqarr li l-importatur ta' dawn il-prodotti kien certu Twanny Tanti minn Haz Zebbug u anke ndikalu l-akwati ta' fejn jinsab dan il-hanut ta' Twanny Tanti.

Ghalhekk, zied jghid x-xhud b'dik l-evidenza gdida f'idejh, hu hass li kellu jzomm lil Jeffrey Mallia l-*lock up* tal-pulizija sabiex ikompli bl-investigazzjoni tieghu u fil-fatt fl-istess gurnata ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta' wara nofsinhar hu, flimkien ma PS 94 Arthur Mercieca u PC 474 Norbert Said kienu marru fil-hanut 'Tanti Ironmongery'

li jinsab f'Caruana Dingli Street, Zebbug u minn hemm hekk elevaw diversi prodotti tal-marka MK u spjega li f'kamra fuq wara tal-hanut, sabu mohbijin, kif anke qal l-imputat, mija hamsa w disghin plakek, li kien tefaghhom l-imputat wara *units* tal-marka MK u gew elevati hmistax il-*unit* mill-hanut, pero 'n segwitu minn dawn il-hmistax il-*unit* irritornaw hamsa lura lill-imputat w anke tawh ricevuta taghhom.

Spjega li Anthony Tanti kien stqarr maghhom li kien hu li kien importa dawk il-prodotti MK u kien indika li kellu garaxx fejn fih kellu mahzuna kwantita ta' *wiring devices* tal-marka MK liema garaxx kien jinsab fi Triq F. Farrugia, Haz Zebbug, minuta boghod mill-hanut tieghu. Qal li fil-fatt minn dan il-garaxx tal-imputat presenti fl-awla, kienu gew elevati sitt elef sebgha mija u sittin *unit* tal-marka MK kollha suspettati kontrafatti.

Kompla jghid li sussegwentement Jeffrey Mallia ttehditlu stqarrija wkoll wara li gie moghti s-solitu twissija fejn dan kien qal li kien *salesman freelancer* u fost ohrajn kien ibiegh prodotti tal-MK li kien igibhom minghand l-imputat Anthony Tanti. Qal li dan kien qal li kien ibieghhom ghal prezz ta' lira u hamsa w tmein centezmu d-*double sockets* plus 10% VAT fuqhom. Ix-xhud issokta jghid li Jeffrey Mallia kien qallu li fl-ebda hin ma kien konxju li dawn il-prodotti kienu kontrafatti u anke qal li l-imputat Anthony Tanti u cioe l-importatur, kien wrih xi dokumenti biex jikkonferma li dawk kienu genwini. Qal li Jeffrey Mallia kien qallu li kien diga biegh madwar elf MK *unit* u waqt tfittxija li kienet saret fil-van ta' Jeffrey Mallia, liema vann kien gie ndikat minnu stess, kienu gew elevati tlett mitt MK *unit* suspettati kontrafatti.

Zied jghid li l-ghada filghodu Jeffrey Mallia kien anke mar d-Depot u ha mieghu lista ta' hwienet li kien ssuplixxa b'dawn il-prodotti u din il-lista giet mghoddija lill-Ispettur Kevin Borg sabiex jaghmlu tfittxijiet necessarji f'dawn il-hwienet.

Qal li sussegwentement, giet mehuda stqarrija tal-imputat Anthony Tanti wkoll wara li kien inghata s-solitu twissija,

f'liema stqarrija qal li kien ilu jiggestixxi l-imsemmija *ironmongery* mill-1987 u li l-prodotti li kienu gew migbura u cioe dawk tal-marka MK, kien impurthom mic-China w ghalkemm fil-bidu stqarr li ma kienx jaf li kienu kontrafatti u kien ghaddiehom mic-*channels* normali mid-Dwana, wara ftit tal-hin, ammetta li kien jaf li ma kienux originali.

Qal li l-imputat kien qallu li fil-fatt f'Marzu 2005 kien rcieva konsenja ta' sitt elef MK *sockets* li minnhom erbat elef kienu *double sockets* filwaqt li l-ohrajn kienu *single sockets*.  Qal li l-imputat kien ghaddilu l-*invoices* li kien ghadda u minnhom rrizulta li dawn l-MK *units* kienu originaw minn xi kumpanija Ciniza bl-isem 'Wenzhoo Foreign Trade Industrial Products Co Ltd'.

Qal li l-imputat kien stqarr ukoll mieghu li zmien qabel, f'April 2004 kien ukoll rcieva konsenja ohra tal-MK, kellu *double sockets switches* u *plugs* mill-istess agent u fil-fatt kien anke ghaddihlu l-karti relevanti u wkoll kienu gew elevati kwantita ta' prodotti li kien gab fl-ewwel konsenja li baqghu ma nbieghux.  Qal li l-imputat Anthony Tanti stqarr mieghu wkoll li kien importa dawn il-prodotti MK ghaliex kellhom prezzijiet attrajenti hafna, kif fil-fatt ikkonferma minn fuq l-*invoice* hu stess u l-imputat kien ddelega x-xoghol f'idejn Jeffrey Mallia sabiex ibieghlu fil-hwienet.  Qal li l-imputat kien qallu li Jeffrey Mallia kien konxju li dawk il-prodotti ma kienux originali u li fil-fatt kienu originaw mic-China. Fil-fatt, zied jghid x-xhud, hu kien ghamel din il-mistoqsija l-ghada lil Jeffrey Mallia fejn dan kien nnega li kien jaf li dawk kienu foloz.  In konkluzjoni, kompla jghid ix-xhud, <u>Anthony Tanti kien stqarr li kien konxju mill-fatt li l-importazzjoni ta' prodotti kontrafatti kienet tikkostitwixxi ksur tal-ligi</u>.

Ix-xhud kompla jghid li nhar s-sittax t'Awwissu 2005 saret tfittxija ohra fil-hanut 'Domnic Department Store' f'Ghawdex pero din irrisultat fin-negattiv.

Qal li wara li kien ha parir minghand l-Avukat Generali fejn kienu wkoll indikawlu l-istorja kif grat u anke l-fatt biex jistabbilixxu ix-xjenza wara dan kollu, u cioe li tal-hwienet, ir-*retailers* ma kienux konxji mill-fatt li dawk il-prodotti

kienu kontrafatti, iddecieda li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat odjern Anthony Tanti, ghaliex kif stqarr fl-istqarrija l-istess imputat, hu kien konxju li l-prodotti li mporta ma kienux originali.

Spjega li f'dan il-kaz kollu veru rrizulta li kienu ghaddew *through* id-dwana pero rrisulta wkoll li minkejja dan, id-dwana m'ghamlux ezami ghal dak li jirrigwarda l-genwinita tal-prodott, kif kellhom id-dmir li jaghmlu f'dan ir-rigward.

Ix-xhud ghamel anke referenza ghall-fatt kif setghu jaghrfu il-prodotti minn dawk genwini ghal dawk kontrafatti fejn ghal dak li jirrigwarda zewg *gang switches* ta' kodici K4872, is-Sur Camilleri, propjetarju tal-ITC kien indikalu l-*features* kemm dawk interni tal-prodott kif wkoll l-ippakkjar taghhom, pero ghal dak li jirrigwarda l-ippakkeggjar taghhom, setgha jurihom li l-*plastic* ta' dawk genwinim kien hafna ehxen minn dawk kontrafatti, kellhom is-*seal* taghhom, fejn jinghalqu, tibqa hierga 'l barra mentri dawk kontrafatti ma kellhomx din u ghal dak li jirrigwarda internament, dawk kontrafatti kellhom il-viti jibqghu nezlin l-isfel, filwaqt li dawk originali, il-viti ma kienux jibqghu nezlin 'l isfel.

Ghal dak li jirrigwarda l-*one gang switches*, ix-xhud spjega li l-istess haga tista tghid, filwaqt li s-*socket outlets* kellhom *features* differenti ghall-fatt li dawk kontrafatti kellhom fil-kantuniera taghhom, qisha bicca *plastic* hierga li huma fittxew meta ghamlu t-tfittxijiet taghhom, filwaqt li dawk originali ma kellhomx dan il-*feature*. Qal li hemm diversi *features* ohra, anke il-*moulding* taghhom. Qal li tinhass id-differenza bejn il-*plastic* ta' prodott allegatament kontrafatt u dak originali.

Ix-xhud ippresenta kwerela mahruga minn Dottor Micheal Tanti Dougall datata erbatax ta' Frar 2006 sabiex biha setgha jiehu proceduri fil-konfront ta' Anthony Tanti ai termini tal-**artikolu 298(d)** tal-Kodici Kriminali w il-prokura mghoddija lilu mill-kumpanija li tipproduci l-MK bhala Dok. AG 1, bhala Dok. AG 2 esibixxa kwerela ohra datata hmistax ta' Lulju 2005 li fiha gew indikati il-hwienet li allegatament kienu qed ibieghu dawn il-prodotti, wkoll

ffirmata mill-Avukat Dottor Michael Tanti Dougall, bhala Dok. AG 3 esebixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat bhala Dok. AG 4 li ttiehdet wara li l-imputat gie moghti s-solitu twissija fejn fuqa ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-imputat kif wkoll ta' PS 1124 Micallef. Esebixxa wkoll, id-dokumenti relatati mal-importazzjoni li kien ghamel l-imputat f'April 2004 bhala Dok. AG 5, dan rigward l-imporatazzjoni li kien ghamel f'Marzu 2005. Bhala Dok. AG 6 esebixxa sentenza datata sitta ta' Frar 2005 moghtija fil-konfront ta' l-imputat mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli, bhala Dok. AG 7 esebixxa erbgha ricevuti rigward il-prodotti MK li gew maqbuda u anke hemm indikazzjoni fihom li kienu gew ritornati hamsa minnhom lill-imputat. Mistoqsi mill-Qorti jekk jiena rax l-original tal-prokura annessa ma Dok. AG 1 wiegeb li kien raha.
Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2006 rega' **xehed l-Ispettur Angelo Gafa** (fol. 84) fejn wara li ghamel referenza ghal dokument li jinsab inserit fl-atti a fol 47 mmarkat bhala Dok. AG 7, qal b'mod partikolari ghal mudell numru 4872 konsistenti f'kaxxa t'ghaxar *packs* b'ghaxar *switches*, ikkorrega ruhu u qal li f'dik il-kaxxa kien hemm erbgha mhux ghaxar pakketti, ghalkemm kull pakkett kellu ghaxar *switches*. Ix-xhud esebixxa kampjuni li gew mghoddija lilu mill-ITC minn Joe Camilleri, li fuqhom huma ghamlu l-ezami taghhom, u cioe kampjuni tal-mudelli K4871, K4872, K2747 u K 2757.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed Dottor Michael Tanti Dougall** (fol. 51) fejn wara li gie muri d-Dok. AG 1, ikkonferma li din hija ittra mibghuta minnu stess lill-Kummissarju tal-Pulizija nhar l-erbatax ta' Frar 2006 u jghid li din l-ittra giet rilaxxjata minnu. Ix-xhud wera lill-Qorti l-original tad-dokument prokura anness ma din l-ittra mibghuta lill-Avukat Generali, il-prokura mahruga mis-socjeta Nova ED & S Ltd li ghandha drittijiet fuq it-trade mark MK.

Spjega li l-kaz in kwistjoni beda meta klijent tieghu li hija s-socjeta ITC hawn Malta, l-agent tad-ditta MK hawn Malta indikatlu li kien hemm xi prodotti b'possibilta ta' *countefeit* fuq is-suq. Spjega li l-istess socjeta ITC kienet

ghamlet stharrig minn jeddha u gew indikati numru ta' *outlets* li setghu fil-fatt kienu qed ibieghu dawn l-oggetti allegatament *counterfeit* liema lista giet komunikata lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex issir investigazzjoni dwarha. Qal li fil-fatt din il-lista giet mibghuta lill-istess Kummissarju tal-Pulizija permezz t' ittra datata minnu nhar il-hmistax ta' Lulju 2005, liema ittra gharaf esebita fl-atti u markata bhala Dok . AG 2.

Qal li sussegwentement kien gie nfurmat mir-rappresentant tal-Kummissarju tal-Pulizija, li kien l-imputat li kien qed jaghmel negozju minn dawn l-affarijiet allegatament kontrafatti. Qal li sussegwentement hu gie nfurmat b'dan mill-Kummissarju tal-Pulizija, w ghalhekk ha hsieb sabiex igib il-prokura relattiva, sabiex jinbdew il-proceduri kriminali fil-konfront tal-imputat.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed Joseph Camilleri** (fol. 53) fejn qal li hu direttur tas-socjeta ITC hawn Malta u li f'xi zmien qabel kien ikollu rapporti li kienu qed jinbieghu fuq is-suq prodotti tal-MK allegatament foloz. Qal li huma kienu ghamlu investigazzjoni min naha taghhom u sussegwentement fuq dak li rrisulta kienu ghaddew din l-istess informazzjoni lill-avukat tas-socjeta Dottor Michael Tanti Dougall li huwa l-avukat tas-socjeta ITC li tirrapprezenta hawn Malta lis-socjeta Novar Electric. Sussegwentement kompla jghid x-xhud, informa lill-Kummissarju tal-Pulizija b'dak li kien rrizultalhom.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **rega' xehed Joseph Camilleri** (fol. 191) fejn qal li bejn Mejju u Gunju 2005 is-*sales* ta' l-MK bdew jinzlu w ghalhekk iddecidew li jaghmlu *spot checks* fil-hwienet w ghalhekk marru fil-hwienet w ghamlu xi *purchases* u hadu l-prodotti l-ufficcju u indunaw li l-*features* tas-*switches* li kien xtraw mill-hwienet ma kienux l-originali tal-MK. Spjega li hu ma marx fil-hanut ta' l-imputat pero l-assistenta tieghu Michelle Frendo kienet marret f'diversi hwienet li kienu 'Imvel Ironmongery' f'Haz Zebbug, 'Peter's Trading Enterprises Limited' f'San Pawl il-Bahar, 'R&G Ironmongery' fil-Mosta, 'Vince Ironmongery' fil-Fgura u 'Nick's Ironmongery' fis-Siggiewi.

Qal li mill-hanut 'Peter's Trading Enterprises Limited' xtraw diversi oggetti fosthom *twin socket outlay, two way switch, one or two way switch* u *one socket outlet* 13 Amp *switch* li kellhom *code references* diversi, mill-'Invell Ironmongery' xtraw zewg *twin socket outlet* 13 Amp *switches,* minghand 'R&G Ironmongery' xtraw *twin socket outlet* 13 Amp *switch* fil-hmistax ta' Gunju, minghand 'Vince Ironmongery' xtraw *twin socket outlet* 13 Amp *switch* u minghand 'Nick's Ironmongery' tas-Siggiewi xtraw *single socket outlet* 13 Amp *switch*. Qal li ilhom jimportaw oggetti tal-MK ghal dawk l-ahhar hamsin sena, u kienu *exclusive distributors* u dan mill-*parent company* taghhom fl-Ingilterra. Qal li bejgh tal-prodotti ta' l-MK pero jista jsir hawn Malta peress li ghandhom *trade name*. Qal li l-oggetti li semma huma differenti mill-oggetti li jimportaw huma. Qal li kien hemm diversi oggetti, per ezempju *twin socket* kellu *switch* fuqu l-ahmar iktar car minn dak li jkun hemm fuq il-prodott li jimportaw huma, l-MK *log* fuq s-*switch* huwa differenti fis-sens li mhux daqstant *embossed,* l-*packet* ta' kull *socket outlet* huwa differenti minn dak li jigi importat minnhom. Qal li huma ghamlu r-rapport taghhom li jinsab esebit fl-atti fejn hu ghamel *highlighting* ta' dawk li semma. Spjega li huma kienu ghamlu kuntatt mal-kumpanija li jaghmlu *business* maghha fl-Ingilterra, sussegwentement kien gie rappresentant hawn Malta u ghamel *lectures* lill-pulizija fl-Akkademja biex huma jkunu f'posizzjoni li jaghmlu *identification* tal-prodotti taghhom.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed PS 82 Arthur Mercieca** (fol. 55) fejn qal li nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, hu, flimkien ma PS 1124 Micallef u PC 569 Cassar u PC 474 Norbert Said ghamlu spezzjoni gewwa l-fond bl-isem 'Peter's Trading' ta' Mosta Road, San Pawl il-Bahar u minn hemm hekk gew elevati tnejn u hamsin *device* ta' l-MK li kienu suspettati foloz. Dawn gew elevati, u wara hargu s-solita ricevuta. Esebixxa lista tal-oggetti li gew elevati minn dan il-fond u spjega li ghalkemm gew elevati tnejn u hamsin bicca, erbgha minnhom rrisulta *prima facie* li kienu originali u ghalhekk tawhom lura w ghalhekk huma zammew biss tmienja w erbghin bicca. Esebixxa l-ewwel ricevuta li hargu lil dan

Jean Paul Micallef li giet immarkata bhala Dok. CSH 3 fejn fuqha hemm miktub li gew elevati tnejn u hamsin bicca. Esebixxa dokument iehor li gie mmarkat bhala Dok. CSH 4 li fih hemm indikat li kienu rritornaw MK *unit* wiehed. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, fis-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 huma rrirotrnaw tlett *six gang two way switches* li huma deskritti fid-Dok. CSH 5 w ghalhekk ikkonferma li llum il-gurnata fil-pussess taghhom, bhala oggetti mehuda mill-istabbiliment 'Peter's Trading' kellhom biss tmienja w erbghin bicca.

Spjega li mill-'R&G Ironmongery' ta' Independence Avenue, Mosta gew elevati hamsin MK *device* skond id-Dok. CSH 6 Qal li war li kien elevaw nmru sostanzjali huwa rritornaw numru minnhom li huma deskritti fid-dokument li esebixxa bhala Dok. CSH 7. Qal li r-ricevuta hija ffirmata minnu u kien hu li kien involut personalment meta gew elevati dawn l-oggetti. Qal li dakinhar stess tas-sebgha w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien mar fil-fond 'Tanti Ironmongery' li hu tal-imputat li gharaf presenti fl-awla u waqt tfittxija f'kamra li kienet tinsab fuq il-parti ta' wara f'bitha ta' hanut ta' l-imputat gew elevati xi *devices* kollha ta' l-MK suspettati foloz. Qal li gew elevati wkoll hmistax l-*item* iehor li kienu *on display* fil-hanut. Meta gie muri dokument mahrug mill-Ispettur Angelo Gafa fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 immarkat bhala Dok. AG 7 ix-xhud qal li dawn l-oggetti huma l-istess oggetti li kien ghadu kif semma fix-xhieda tieghu. Qal li kien l-imputat li kien dderigihom wkoll f'hanut iehor li huwa juza bhala *store* li jinsab gewwa Triq F. Farrugia, Haz Zebbug fejn hemmhekk gew elevati sitt elef sebgha mija u sittin bicca tal-MK.

Illi nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Marzu 2006 **xehed John Richards** (fol. 63) fejn qal li hu jahdem bhala *principal* fl-Industrial Relations Office u gie mitlub sabiex jesebixxi certifikat tat-*trade mark* MK. Huwa esebixxa zewg *trade marks* lokali kif ukoll *zewg trade marks* li huma *community trade marks* liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. CM 1 sa CM 4. Spjega li b'*local trade mark*, ried ifisser li t-*trade mark* huwa registrat lokalment hawn Malta filwaqt li

*community trade mark* tfisser li huwa registrat fil-pajjizi kollha membri komunitarji.

Qal li lokalment il-marka MK hija registrata f'isem is-socjeta 'Novar ED & S Ltd' liema *trade mark* lokalment ilha registrata minn April 1984 filwaqt li l-iehor ilu registrat Malta minn Novembru 1984.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2006 **xehed l-Ispettur Kevin Borg** (fol. 86) fejn qal li f'Lulju 2005 kienu rcevew rapporti li diversi hwienet f'Malta qed ibieghu accessorji tal-MK bhal *switches*, li ma kienux originali. Qal li hu, flimkien mal-kollega tieghu l-Ispettur Angelo Gafa, kienu hadu sehem f'diversi *meetings* sabiex ikunu f'posizzjoni li jaghrfu ahjar id-differenza bejn prodott tal-MK originali u dak li ma kienux. Spjega li huma kienu gew infurmati li wiehed mill-karatteristici biex tinduna jekk il-prodott hux falz jew le, huwa mill-*packaging* estern. Qal li din l-informazzjoni hu kien gabarha minghand l-*complainant* Paul Camilleri tal-ITC u kien dan wkoll li kien tah diversi fatturi ohrajn.

Sussegwentement, zied jghid x-xhud, kienu hadu l-mandati mill-Qorti u flimkien ma WPS 95 Jean Farrugia u PC 344 Chris Vella u PC 344 ghamlu tfittxijiet f'diversi hwienet. Spjega li wiehed mill-hwienet li kienu marru fih kien dak li jinsab fi Triq Mikelangelo Sapiano f'Haz Zebbug fejn hemmhekk tkellmu ma Mark Philip Xuereb, sid il-post. Minn dan l-istess hanut, kompla jghid x-xhud, gew elevati kaxxa *cable switch* MK by *ten switches*, tlett kaxxi *by five switches* u *one switch double* MK, allegatament foloz. Qal li huma kienu ghaddew kopja tas-*seizure note* lis-sid relettiv. Esebixxa kopja ta' din l-istess *seizure note* bhala Dok CSH. Kompla jghid li dakinhar stess, u cioe fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien akkumpanja lil WPS 95 Jean Farrugia u PC 344 Chris Vella f'hanut iehor li jismu 'Vince Ironmongery' Hompesch Road, il-Fgura, fejn wara li ddentifikaw ruhhom bhala pulizija, tkellmu ma certu Mark Borg u minn dan il-hanut elevaw diversi oggetti li jinsabu elenkati fis-*seizure note* li esebixxa bhala Dok. CSH. Spjega li huma ghaddew kopja ta' din l-istess *seizure note* lil istess Mark Borg

dakinhar stess li elevaw l-oggetti mill-fond tieghu. Zied jghid li fl-istess gurnata tal-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005, marru fi tlett hwienet ohra, 'Oasis Ironmongery' Triq il-Qaliet, Marsascala, 'Nick's Ironmongery, li jinsab f'Main Street, Siggiewi u 'Vassallo Ironmongery', li jinsab f'Parish Priest Street, Siggiewi, fejn minn hemmhekk ma rrisultax li kien hemm xi oggetti li ma kienux originali. Zied jghid li nhar s-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005 flimkien ma l-istess ufficjali, hu kien mar go hanut iehor li jismu 'Sunny Ironmongery' li jinsab go Triq Bugharbiel, Zejtun u minn hemmhekk gew elevati diversi *switches* allegatament foloz li jinsabu ndikati fis-*seizure note* li esebixxa u li kopja taghha ghadda lil Salvino Abela, liema *seizure note* hija mmarkata bhala Dok. CSH 2. Sussegwentement, kompla jghid x-xhud, marru f'hanut iehor, 'Dennis Ironmongery' Triq il-Qadi, Zejtun u minn hemmhekk elevaw diversi oggetti ohra li huma ndikat fis-*seizure note* li esebixxa bhala Dok. CSH 3 u li kopja tal-istess *seizure note* giet mghoddija lill-istess Dionisio Agius. Kompla jghid li fl-istess gurnata tas-sitta w ghoxrin ta' Lulju 2005 marru wkoll f'zewg hwienet ohra, wiehed bl-isem 'Ape Centre', Triq Aloisio Erardi, Zabbar u iehor bl-isem 'Caruana', Triq Luqa Briffa, Zejtun w hemmhekk ma rrisulta xejn posittiv. Spjega li l-oggetti li hemm imsemmija fis-*seizure note* li esebixxa bhala Dok CSH 1, CSH 2 u CSH 3 huma esebiti bhala Dok CSH 5 komplessivament.

Qal li fl-Akkademja kien sar *lecture* propju kif wiehed ghandu jgharaf l-oggetti tal-MK li huma foloz u l-ohrajn li ma humiex, liema *lecture* giet moghtija lilhom minn xi nies barranin imharrgin fl-MK stess. Qal li ma kienx cert minn tahhom l-*lecture* pero jekk ma kienx sejjer zball, kienu nies tal-MK barranin fejn kienu gew mghoddija diversi dokumentazzjoni relattiva ghal dan il-ghan. Ix-xhud esebixxa n-notamenti li minnhom ghamel referenza ghalihom waqt ix-xhieda tieghi bhala Dok. CSH 4. Mistoqsi min kien presenti x-xhud wiegeb li kien hu, flimkien ma WPS 95 Jean Farrugia u PC 344 Chris Vella pero r-rappresentanti tal-MK ma kienux ikunu maghhom.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin t'April 2006 **xehdet Michelle Frendo** (fol. 95) fejn wara li esibiet d-Dok. CSH 6 (fol. 97

et seq), qalet li hi tahdem fl-*accounts department* tal-ITC. Qalet li kull tant zmien huma jaghmlu spezzjonijiet fil-hwienet u kienu ghamlu spezzjoni f'hamest ihwienet u kienet marret hi personalment u sabet oggetti tal-MK li ma kienux originali fil-fehma taghha.

Qalet li dawn il-hwienet kienu 'Peter's Trading' li jinsab Mosta Road, San Pawl il-Bahar, 'L-Invell Ironmongery' li jinsab MA Sapiano Street, Haz Zebbug, 'R&G Ironmongery' li jinsab Independence Avenue, Mosta, "Vince Ironmongery' li jinsab Hompesch Road Fgura u 'Nick's Ironmongery' li jinsab fi Pjazza San Nikola, Siggiewi u dahlet f'dawn il-hwienet flimkien mad-direttur taghha Joe Camilleri. Qalet li l-oggetti li xtraw dakinhar gew mghoddija lis-Sur Camilleri u x'ghamel bihom hu, ma kienetx taf. Hi esebiet faxxikolu li jindika dak li xtraw dakinhar tal-ispezzjoni li ghamlu fil-hwienet partikolari u hemm miktub l-oggetti li xtraw, l-*invoice*, *cash sale* li gie mmarkat bhala Dok. CSH 6. Esebiet wkoll faxxikolu iehor li gie mmarkat bhala Dok. CSH 7 li jikkonsisti f'ritratti tal-oggetti li xtraw minn dawn id-diversi hwienet u hemm indikat dawk li fil-fehma taghha m'humiex originali u ohrajn li huma originali, li huma xtraw minghandhom. Esebiet wkoll CD tal-oggetti li hemm *printed* fid-dokument CSH 7 li giet immarkat bhala Dok X. Ix-xhud qalet li hi ilha tahdem ma l-ITC hdax il-sena u hija responsabbli mis-*sales purchases* tal-hwienet.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **rega' xehed Jeffrey Mallia** (fol. 196) fejn qal li lill-imputat prezenti jafu. Ix-xhud qal li hu jahdem bhala *self-employed* u jbiegh fil-hwienet taz-zebgha u gieli biegh xi affarijiet lill-imputat stess u gieli wkoll xtara xi affarijiet minghandu. Ftakar li xi zmien qabel kien baghat ghalih l-Ispettur u kien hadlu xi stqarrija dwar investigazzjoni li kienet qed issir fuq xi prodotti tal-MK. Qal li hu kien jixtri xi prodotti MK minghand l-imputat sabiex ibieghhom fil-hwienet taz-zebgha u dan sehh is-sena ta' qabel, fil-bidu taghha. Qal li fost l-affarijiet kien hemm *double switch socket outlets* u *single switch socket outlets*. Qal li lil imputat ma kienx staqsieh minn fejn kien gabhom jew kienx hu li mpurtahom ghax dik ma kienetx regola tieghu li jistaqsih

minghand min jixtri jew minn fejn igib l-affarijiet. Cahad li hu qatt baghat prodotti ohrajn tal-MK mixtrija minghand nies ohrajn. Qal li sa fejn kien jaf, hu kien ibiegh prodotti lil haddiehor 5% inqas minghand min kien jixtriehom u kien ibieghhom bir-ricevuti b'kollox.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed l-Ispettur Alex Miruzzi** (fol. 169) fejn wara li ra sentenza esebita bhala Dok. AG 6 moghtija mill-Magistrat Dottor Saviour Demicoli nhar it-tlieta ta' Frar 2005 fl-ismijiet **Pulizija vs Anthony Tanti,** kkonferma li f'dik is-sentenza hu kien ufficjal prosekutur w investigatur. Ix-xhud qal li ma jaghrafx lill-imputat odjern bhala l-persuna kontra min nghatat din is-sentenza.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed PS 1124 Vincent Micallef** (fol. 171) fejn qal li jiftakar li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien gie ordnat mill-Ispettur Angelo Gafa sabiex jesegwixxi *warrant* fuq xi *plugs* tal-MK li kienu suspettati li kienu *countefeit* u dan fil-presenza ta' PS 824 Arthur Mercieca, PC 569 Cassar u PC 474 Norbert Said. Ftakar li kienu marru fil-fond 'Peter's Trading Enterprises Limited' f'Mosta Road, San Pawl il-Bahar u minn hemmhekk kienu elevaw tnejn u hamsin MK *plug* li dak il-hin kienu suspettati *countefeit*. Qal li kienu ghabbew x-xoghol u hu kien nizel ma l-*owner* tal-hanut d-Depot sabiex jitkellem ma l-Ispettur Angelo Gafa. Ix-xhud, wara li gie muri l-istqarrija esebita bhala Dok. AG 3 a fol 21 u ikkonferma li din hija l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li gharaf presenti fl-awla, liema stqarrija giet rilaxxjata wara li huwa gie moghti s-solita twissija. Ikkonferma l-firma tieghu, dik ta' l-Ispettur Angelo Gafa kif ukoll tal-istess imputat fuq kull faccata taghha, liema stqarrija tikkonsisti fi tlett faccati.

Illi nhar l-erbatax ta' Gunju 2006 **xehed Anthony Vella** (fol. 173) fejn qal li hu jahdem bhala *principal* fid-Dipartiment tad-Dwana u jaghmel xoghol ta' *releases* ta' merkanzija li tigi *groupage*. Qal li l-pulizija kienet talbitu sabiex jaghmel ricerka fuq *release* bin-numru BDID200462030487 u spjega li din kienet *quick release* w ghalhekk spezzjonijiet fuqha ma sarux. Ghar-rigward tat-

tieni wahda u cioe BDID2005600157687 ix-xhud qal li din sar ezami fuqha bhas-soltu bil-permess tal-fizzjali taghhom u hafna *checking* fosthom dik ta' IPR. Jekk sarux dawn ic-*checkings* jew le, ix-xhud qal li ma setghax jghid ghax hu ma kienx ir-*releasing officer*. Qal li t-*test* ta' IPR, ma jafx ghaliex jissejjah IPS pero qal li huma jifhmu biha din il-kelma, li biex naraw jekk l-affarijiet ikunux *counterfeit*. Jekk sarux spezzjonijiet fuq dan it-tieni *release* ix-xhud qal li ma setghax jghid ghax ma kienx ir-*releasing officer*. Qal li r-*releasing officer* f'dan il-kaz kienet Romina Bruno Arnaud. Qal li n-numru li semma fix-xhieda tieghu huwa in-numru tal-manifest u n-numru tal-*container* li huwa numru partikolari ghal kull *container*.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehed PC 569 Anthony Cassar** (fol. 194) fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 hu kien gie msejjah mill-Ispettur Angelo Gafa fuq investigazzjonijiet t'oggetti tal-MK w ghalhekk marru go garaxx li jinsab fi Triq F. Farrugia, Zebbug u minn hemmhekk eleva diversi oggetti tal-MK. Qal li t-tfittxija f'dan il-garaxx f'Haz Zebbug saret fil-presenza tal-imputat li gharaf prezenti fl-awla. Spjega li l-oggetti li gew elevati, gew elevati fil-presenza tieghu u sussegwentement l-imputat gie mehud d-Depot ghal iktar stharrig.

Illi nhar t-tmintax ta' Settembru 2006 **xehdet Romina Bruno Arnaud** (fol. 198) fejn qalet li hi tahdem bhala fizzjala tad-Dwana. Qalet li l-pulizija baghtitilha riferta sabiex tixhed fuq zewg konsenji li dahlu Malta nhar il-hdax ta' Mejju 2004 u nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Marzu 2005. Spjegat li l-pulizija ndikatilha bhala numru SAD200460003D30487 u f'dan r-rigward qalet li dan in-numru huwa referenza ta' dokumentazzjoni tad-Dwana u ma kienetx f'posizzjoni tghid jekk hi kienetx involuta f'dan il-kaz. Qalet li meta rcevtiet in-numri tal-pulizija fir-riferta taghha ma kienetx iccekkjat il-*files* taghhom.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin t'Ottubru 2006 **reġgħet xehdet Romina Bruno Arnaud** (fol. 211) fejn wara li esibiet d-Dok. RBA (fol. 214 et seq) qalet li hija tinsab stazzjonata Hal Far. Qalet li giet mitluba sabiex iggib il-*files* tad-

Dwana li jikkoncernaw dan il-kaz, pero qalet li *files* id-Dwana hi ma zzommx ghalkemm kellha dokumentazzjoni li saret in konnessjoni ma dawn il-konsenji li huma fotokopja peress li l-originali jinsabu ghand l-importatur ghaliex id-Dwana ma zzommx l-originali. Ix-xhud qalet li hi harget dawk il-karti mis-sistema u hija hi responsabbli ghall-*photocopies* in kwistjoni u ghalhekk ikkonfermat li dawk huma l-fotokopji veri. Spjegat li n-numri li gew miktuba lilha fuq ir-riferta moghtija lilha mill-pulizija huma numru SAD2004600030487. Spjegat li din kienet konsenja li skond s-sistema tad-Dwana tfisser li ma hemmx kontroll fuqha min naha tad-Dwana. Qalet li l-klijent kien imur jigbor ix-xoghol mid-Dwana u jibqa sejjer biha w id-Dwana ma tidholx fiha, kif lanqas ma tidhol fuq il-kwistjoni ta’ x’fiha dik il-konsenja. Esebiet in konnessjoni mal-konsenja SAD2004600030487, d-dokumentazzjoni relattiva li giet immarkata bhala Dok. RBA. Kompliet tghid li dwar il-konsenja l-ohra u cioe 2005600157687 hi giet mitluba sabiex ticcekkja l-konsenja meta waslet u cioe qabel ma giet *released* mid-Dwana. Qalet li l-ewwel haga li ghamlet kienet li ccekkjat jekk kellhiex CE *mark* dwar ir-*regulations* ta’ l-ewropa u cioe jekk hemmx *safety* biex dan l-oggett johrog fis-suq w irrizulta li CE *marking* ma kellhomx.

Qalet li hi kienet qabdet l-kampjuni w ghalqithom u bghatithom ghand Peter Attard taht il-*consumer division*. Qalet li l-kampjuni ‘n kwistjoni kienu kampjuni ta’ plakek li ma kellhomx CE *marking* fuqhom. Qalet li sakemm waslet ir-risposta, ghaddew xi jumejn u l-konsenja ma hargitx, imbaghad Peter Attard kien baghtilha risposta li dwar is-CE *marking* avolja ma kellhomx, *they were safe to be released*.

Ix-xhud esebiet kopja relattiva miktuba minn Peter Attard li giet annessa mad-dokument RBA 1 li giet esebita presenzjalment. Qalet li meta hi kienet lestiet s-*safety*, ordnat ir-*release* taghhom. Qalet li hi ma ccekkjatx mal-lista li suppost ticcekkja maghha biex tara jekk humiex tad-ditta jew le. Qalet li lill-agenti lokali tal-MK, huma m’infurmawhomx b’dik il-konsenja.

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 **xehed Vincent Xuereb** (fol. 200) fejn qal li hu jahdem f’hanut taz-zebgha bl-isem ‘Peter’s Trading’, li jinsab f’Mosta Road, San Pawl il-Bahar. Qal li fil-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005 kienu saru xi spezzjonijiet f’dan il-hanut fejn jahdem w il-pulizija hadu minn dan il-fond xi *wiring devices* ta’ l-MK, plakek. Qal li dawn l-oggetti li gew mehuda mill-pulizija, hu kien xtrahom minghand Jeffrey Mallia, il-persuna li kien qieghed barra l-awla. Qal li fil-fatt, il-*purchases* tal-kumpanija ta’ ‘Peter’s Trading’ isiru minnu. Zied jghid li l-oggetti tal-MK li xtraw minghand Jeffrey Mallia kienu irhas minn prodotti ohrajn tal-MK li jixtru minghand nies ohrajn. Spjega li meta ma jixtrux minghand Jeffrey Mallia, huma jixtru prodotti simili minghand l-ITC. Fil-fatt, zied jghid ix-xhud, huma darba ordnaw minghand Jeffrey Mallia. Qal li ma kienx jaf pero meta ghamlu din ix-xirja u li ma kellux l-*invoice*.

Illi nhar t-tmintax ta’ Settembru 2006 **xehed Peter Micallef** (fol. 202) fejn qal li hu sid il-hanut maghruf bhala ‘Peter’s Trading’ li jinsab f’Mosta Road, San Pawl il-Bahar. Spjega li x-xiri ghall-hanut tieghu isir minn Vincent Xuereb. Mistoqsi jekk ghandux *invoices* tal-oggetti li kienu xtraw wiegeb li jassumi li hemm w ipprometta li jesibihom seduta ohra.

Illi nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2006 **rega’ xehed Peter Micallef** (fol. 237) fejn esebixxa l-*invoices* maghmula rigwardanti l-bejgh li ghamel Vincent Xuereb u wera lill-Qorti l-original tal-fotokopja li esebixxa presenzjalment bhala Dok PM. Wera wkoll lil Qorti l-original ta’ dan l-istess dokument li hemm, kemm lid-difiza u kif wkoll lill-prosekuzzjoni. Qal li Vincent Xuereb kien xtrahom mhux minghand l-imputat odjern, imma minghand wiehed jismu Jeffrey, li mhux prezenti fl-awla.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin t’Ottubru 2006 **xehed PC 474 Norbert Said** (fol. 209) fejn qal li fil-hamsa w ghoxrin ta’ Lulju 2005, hu, flimkien ma PS 1124 Vincent Micallef, PS 824 Mercieca u PC 569 Cassar ghamlu diversi tfittxijiet ghal apparat ta’ MK u dan go diversi *ironmongeries*. Spjega li mill-fond ‘Peter’s Trading’, li jinsab f’Mosta Road,

San Pawl il-Bahar gabru tnejn u hamsin apparat tal-MK konsistenti fi *switches* u plakek li dakinhar kienu suspettati foloz, minn ‘R&G Ironmongery’ ta’ Independence Avenue, Mosta gabru hamsin MK apparat iehor, ukoll suspettati foloz f’dak l-istadju. Kompla jghid li aktar tard kien issemma wiehed Jeffrey Mallia li baghtu ghalih fl-ufficcju u minn jeddu mar u mill-van tieghu gabru tlett mitt MK apparat suspettat falz. Iktar tard, stqarr ix-xhud, huma kienu ghamlu tfittxija flimkien mal-Ispettur Angelo Gafa u s-Surgent Arthur Mercieca, gewwa ‘Tanti Ironmongery’ li tinsab fi Triq F Caruana Dingli, Haz Zebbug u fil-presenza tal-imputat prezenti fl-awla, gabru mija hamsa w disghin MK *device* suspettati foloz, li kienu nstallati gewwa kamra zghira u hmistax l’oggett iehor tal-MK li kienu *on display* fil-hanut. Zied jghid li mill-garaxx tal-imputat, li jinsab ftit boghod mill-hanut, gabru ammont ta’ sitt elef sebgha mija u sittin MK *device* ohra u dan gie moghti ricevuta taghhom filwaqt li ttiehed id-depot ghal iktar stharrig.
Illi nhar l-hamsa w ghoxrin t’Ottubru 2006 **xehed Raymond Bonnici** (fol. 224) fejn wara li esibixxa d-Dok. JM (fol 226), qal li hu ghandu *hardware store* il-Mosta f’Independence Avenue. Qal li xi zmien qabel kienu marru l-pulizija w elevaw xi oggetti tad-ditta MK minghandu. Mistoqsi minghand minn ghand min kien xtara dawk l-oggetti li gew elevati minghand il-pulizija, ix-xhud wiegeb li kien xtrahom minghand wiehed jismu Jeffrey Mallia, li mhux prezenti fl-awla. Mistoqsi jekk kienx tah *invoice* tal-oggetti li kien xtara, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv, u esebixxa l-istess *invoice*. Esebixxa wkoll d-dokumentazzjoni li kien tah dan Jeffrey Mallia bhala Dok. JM. Ikkonferma li dawk l-oggetti li xtara huma tad-ditta MK u li minghand dan Jeffrey Mallia, darba biss xtara ghaliex s-soltu jixtrihom minghand tal-ITC. Qal li kien Jeffrey Mallia li kien gab din il-merkanzija minn barra u l-prezz kien hafna inqas.

Illi nhar l-erbgha ta’ Dicembru 2006 **xehed Martin Bajada** (fol. 235) fejn qal li hu kien gie nominat b’digriet tal-erbatax ta’ Gunju 2006 sabiex jezamina d-dokumenti esebiti. Qal li ‘n segwitu tan-nomina tieghu, hu kien ra d-dokumenti li hemm esebiti fl-*istores*, ra wkoll id-dokumenti li hemm fil-process u stqarr li ma kellux bzonn jirtirhom u li

kellu bzonn kampjun original. Ghalhekk gie awtorizzat mill-Qorti sabiex jitlob dan il-kampjun mill-*mother company*.

Illi nhar t-tlieta ta' Mejju 2007 **rega' xehed Martin Bajada** (fol. 255) fejn qal li ghalkemm hu effettivament lesta l-analizi tieghu, xtaq jerga jaghmel komunikazzjoni ohra mas-Socjeta estera MK ghaliex meta huma baghtu l-kampjuni u d-dokumentazzjoni li kien talabhom, l-kampjuni huma tas-sena 2003 u li l-esebiti li ghandu, huma tas-sena 2007 w ghalhekk l-komparazzjoni relattiva ma setghetx ssir kif suppost.  Ghalhekk, l-Qorti b'digriet appositu awtorizzatu jaghmel dan ix-xoghol.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2007 **rega' xehed Martin Bajada** (fol. 273) fejn  qal li 'n segwitu tan-nomina tieghu hu kien baghat ghal kampjun mill-*mother company* l-Ingilterra u esebixxa r-relazzjoni tieghu maghmula ghal dan il-ghan markata bhala Dok. MB (fol. 275 et seq), flimkien mall-kampjun li fuqu ghamel l-ezami tieghu filwaqt li ghadda kopja taghha lid-difiza kif wkoll lill-prosekuzzjoni.

Illi nhar t-tlettax ta' Mejju 2009 xehed **l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju (fol. 345) fejn wara li esibixxa d-dokumenti Z u Z 1, mistoqsi kif effettivament hu kien ordna dawk il-plakek allegatament tal-MK, wiegeb li hu kien qed jaghmel tfittxija fuq l-*internet* dwar xi *electrical fittings* u sab li kellu jsib w ghamel l-ordni u sussegwentement, zied jghid l-imputat, waslet l-ordni mic-China.  Qal li ma' l-ordni li kien ghamel, kienu baghtulu *samples* tal-MK *sockets* u hu kien irrisponditom u talabhom il-prezzijiet u jekk kellhomx certifikat biex juruh li dawn is-*sockets* kienu originali.  Qal li fil-fatt huma kienu baghtulu  certifikat permezz tal-*internet* u ghamel ordni zghira.  Ix-xhud esebixxa dan c-certifikat li rcieva tramite l-*email* bhala Dok Z. Qal li kien ghalhekk li hu kien  assuma li kien hemm *parallel trading* bejn is-socjeta Ingliza u dik Ciniza. Sussegwentement, kompla jghid l-imputat, hu kien ghamel ordni zghira u dan skond id-dokument li esebixxa bhala Dok. Z 1.  Qal li l-ordni effettivament kienet waslet Malta u l-burdnar tieghu kien hallas id-dazju l-VAT.  Qal li hu ma kellu l-ebda problema kemm mad-Dwana u lanqas

ma xi awtorita ohra u fil-fatt qatt ma nizel id-Dwana u halla kollox f'idejn il-burdnar. Sussegwentement, kompla jghid l-imputat, dan ix-xoghol gie kollu rilaxxjat mid-Dwana u spicca fil-pussess tieghu. Qal li l-importazzjoni ta' dawk il-plakek huwa fil-linja tan-negozju tieghu ghax hu fil-fatt ghandu *ironmongery shop* gewwa Haz Zebbug. Zied jghid li sussegwentement hu kien ghamel ordni ohra, din id-darba pero wara li l-oggetti waslu hawn Malta, d-Dipartiment tal-Kummerc hadu kampjun, ezaminawh w irrilaxxjaw l-oggetti peress li ma kellhomx problemi dwarhom.

Ix-xhud qal li fil-fatt fuq din l-*invoice* esebita bhala Dok. Z 1, hemm nota mid-dipartiment stess fejn hemm miktub li l-oggetti setghu jigu *released*. Qal li hu ghamel kollox *in good faith*, qabbad tliet persuni sabiex ibieghu il-merkanzija li kien xtara. Qal li din ma kienitx l-ewwel darba li taha oggetti lil dawn in-nies sabiex ibieghhuhom huma. Mistoqsi jekk joperax fuq bazi ta' *retail* jew *wholesale* wiegeb li fuq it-tnejn. Qal li sussegwentement fil-hamsa w ghoxrin ta' Lulju 2005 kienu marru fuqu l-pulizija w hemmhekk bdew jinvestigawh u sussegwentement kien irrilaxxja stqarrija fejn fiha kien stqarr li jiddispjacih ghal dak li gara ghax meta hu kien irrilaxxja l-istqarrija, hassu *under pressure* w imbezza'.

L-imputat ikkonferma li l-oggetti li kien ordna, qatt ma ghaddielu minn mohhu li setghu kienu ta' periklu. <u>Qal li c-certifikat hu kien ottjenih wara li rrilaxxja l-istqarrija mhux qabel.</u> <u>Qal li hu ma kienx jaf li l-oggetti li mporta, ma kienux originali u setghu kienu ta' periklu qabel ma effettivament qallu dan id-diskors l-Ispettur.</u>

Meta gie muri l-istqarrija esebita a fol 21 tal-atti bhala Dok. AG 3, ix-xhud ikkonferma l-kontenut taghha. Ikkonferma wkoll li dak li qal fl-istqarrija tieghu, qalu hu w iffirmah. Mistoqsi jekk jiftakarx li nghata s-solita twissija qabel ma qal dak li qal fl-istqarrija l-imputat, wiegeb li ma jiftakarx. Mistoqsi jekk jimpurtax xi oggetti ohrajn *wholesale* wiegeb fl-affermattiv u spjega li dawn huma oggetti bhal *robolts*, *bolts* w affarijiet ohrajn ta' *hardware*. Qal li hu registrat bhala *retailer*. Spjega li dawn l-oggetti li hu gab minn barra

jkollhom *import licence*. Qal li dakinhar li rrilaxxja l-istqarrija kien imbezza' u taht *pressure* w ghalhekk kien qal li kien jaf li l-affarijiet tal-MK ma kienux originali ghax qatt ma kien gie nvestigat qabel. Qal li llum, waqt li qed jixhed, mhux daqstant imbezza'. Mistoqsi ghaliex llum fix-xhieda tieghu qal li kien hemm *parallel trading* filwaqt li l-ahhar darba meta rrilaxxja l-istqarrija tieghu m'ghamel l-ebda referenza ghal din il-kwistjoni tal-*parallel trading*, wiegeb li llum jaf il-posizzjoni tieghu iktar cara peress li hu kien ircieva c-certifikat li esebixxa bhala Dok. Z. Qal li hu ilu jopera fis-suq tal-*ironmongery* ghal dawk l-ahhar ghoxrin sena.

Ikkonferma li kien hemm qabza fil-prezz sostanzjali bejn l-MK li hu jixtri mis-suq lokali u dawk li hu kien importa. Qal li kien prezz vantaggjuz u ghalhekk kien hadu. Qal li kien veru li meta kienu marru l-pulizija kienu sabu l-oggetti tal-MK fil-kamra l-baxxa. Mistoqsi x'kienet ir-raguni wiegeb li hu gieli jzommhom hemmhekk. Qal li wara li l-pulizija fakkritu dak li hu kien qal fl-istqarrija tieghu, u cioe li l-oggetti hu kien tefaghhom fil-kamra l-baxxa ghaliex bezgha mill-pulizija u mhux ghax kien normali li jpoggiehom hemm, ix-xhud qal li kien minnu li b'dan nonostante, hu xorta baqa jixtri prodotti tal-MK minghand l-ITC, pero baqa jixtri minghand l-ITC ghalkemm ghamel l-importazzjoni mic-China u li dan ghamlu ghax mic-China ma kienx hemm il-prodotti kollha *available*.

Qal li hu kellu *pressure* mill-Ispettur biex jiffirma l-istqarrija u dan ghaliex hin minnhom, l-Ispettur kien urieh *video* fuq il-*computer* dwar il-konsegwenzi li seta' jkun hemm jekk l-oggetti li kien importa ma kienux originali. Ikkonferma li hadd ma kien gieghlu jiffirma l-istqarrija u hadd qatt ma avvicinah sabiex jixtri prodotti tal-MK li ma kienux impjegati ta' l-ITC.

Rat illi fis-seduta ffissata minn din il-Qorti ghat-trattazzjoni ma saret l ebda trattazzjoni, izda il-Qorti kienet iddiferiet il-kawza ghas sentenza 'n difetto t'ostakolo bil-fakolta li jekk iridu l-partijiet, setghu jipprezetnaw nota ta' sottomissjonijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija pprezentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-ghoxrin (20) ta’ Jannar 2010 (fol. 357 et seq).

Rat in-nota reponsiva tal-imputat ppresentata fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta’ Frar 2010 (fol. 377 et seq tal-atti).

Ikkunsidrat ulterjorment:

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lil imputat huma veri u dan ghaliex kif ighid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890**:- *“Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit”.*

L-imputat gie wkoll akkuzat **fl-ewwel lok** li ffalsifika jew biddel minghajr l-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki, jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodotti ta' industrija jew manifattura [artikolu 298 (1)(a) tal-Kap 9], **fit-tieni lok** li xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li fihom indikazzjoni li tqarraq lix-xerrej dwar x-xorta tal-merkanzija jew li biegh l-merkanzija [artikolu 298(1)(b) tal-Kap 9] u **fit-tielet lok** li xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe ammont sostanzjali ta' audio CD's, DVD's u VCD's. u *playstations* allegatament foloz.

Ta' min jfakkar dak li gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Awissu 1998*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Gawdenzio Borg**, fejn inghad li:-

*"Bil-kelma 'emblema, wiehed ghandu jifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjoni li xi whud minnhom, mahsuba sabiex iwasslu messagg possibilment dwar l-origini, l-provenjenza jew n-natura tal-merkanzija* [vide **Il-Pulizija v Alexander Pisani**, ***deciza***

***mill-Qorti tal-Appell nhar l-hamsa ta' Marzu 1997***] *gie ritenut li l-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmula tixbah, u ghalhekk mhux necessarjament identika ghal wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess, naturalment jinghad ghal marka jew sinjal, dawn iridu jkunu jixbhu marka jew sinjal awtentiku, ma hemmx ghalfejn li l-marka, sinjal jew emblema jkunu stampati, tista tkun mehjuta.*"

Illi ghalhekk din il-Qorti trid taghmel apprezzament tal-provi migbura u tanalizza dak li qalu x-xhieda. M'hemmx dubbju li jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu oggetti ta' Mk li kien kontrafatti u dan mhux kontestat lanqas mill-imputat li xehed f'dawn il-proceduri.

Ix-xhieda tal-prosekuzzjoni konsistenti fil-maggor parti f'numru ta' pulizija lkoll xehdu u qalu li huma elevaw numru t'oggetti tal-MK li fil-fehma taghhom, kienu kontrafatti.

Il-Qorti kienet innominat lill-espert tekniku Martin Bajada sabiex jistabilixxi jekk l-oggetti li eventwalment gew esebiti il-Qorti u li kienu gew elevati mill-fond tal-imputat, kienux kontrafatti jew le.
L-espert kien ikkonkluda li wara li kien ghamel analizi komparattiv ma tas-*sample* li kien gabar mill-*mother company* irrizultalu li effettivament verament l-oggetti kienu *counterfeit* kif fil-fatt kien qed jilmenta l-parte civile Joseph Camilleri ghan-nom tas-socjeta ITS.

Illi *dato non concesso* li verament l-oggetti ma kienu kontrafatti kif stqarr l-istess espert, xorta jibqa l-kwisjtoni tal-stqarrija rilaxxjata mill-imputat stess li jghid li kien jaf li ma kienux originali.

Mistoqsi viva voce il-Qorti meta xehed, ghaliex kien qal hekk meta rrilaxxja l-istqarrija, jghid li kien taht pressjoni u li kien qed jibza mill-pulizija ghaliex kien gie muri *video* ta' dak li setgha jigrilu jekk jirrizulta li verament kien importa oggetti kontrafatti.

Il-prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda mid-Dipartiment tad-Dwana jghidu li l-oggetti li importa l-imputat, gew *released* minghajr ebda problema u fil-fatt lanqas biss gew ezaminati.

L-imputat pero oighid li kien jaf li l-oggetti ma kienux originali, li kienu mic-Cina u li mpurthom ghaliex kienu irhas. Il-fatt li kien hbihom ukoll fil-kamra l-baxxa fil-hanut tieghu, huwa ukoll indikattiv li kellu x'jahbi.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza mogjtija mill-Qorti tal-Appell Krminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Cardona</u>** moghitja nhar it-tmintax (18) ta' Lulju 2003 dwar is-sinjifikat ta' konfessjoni fi *statement* u dan wara li hija ezaminat l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat u dan ghaliex viva voce huwa jghid, li qal certu diskors ghax kien imwerwer mill-pulizija ezekuttiva.

Dik il-Qorti irriteniet li:-

"*Il-fatt li persuna thossha bezghana jew imwerwra fil-kors t'interrogatorju kondott b'mod regolari (1) minhabba l-fatt li tigi rinfaccjata bi provi (jew allegazzjonijiet) li jkunu juru (jew li jkunu jaghtuha x'tifhem) li l-pulizija tkun taf kif verament graw l-affarijiet, jew (2) semplicement ghax iddahhalha f'rasha (bla ebda raguni valida) li ser taqla' xeba' jekk ma tghidx certu affarijiet ma jgibx, bhala konsegwenza fil-ligi taghna, li dik l-istqarrija jew konfessjoni tkun involontarja. Il-qrati taghna dejjem irritjenew li biex konfessjoni titqies bhala nvolontarja (w ghalhekk inammissibbli) irid ikun hemm, bhala regola, ness ta' kawza w effett bejn minn naha l-agir tal-persuna f'awtorita` (l-persuna li tkun qed tinterroga) li tghid jew taghmel xi haga intiza biex thedded jew tbezza`, jew biex twieghed jew twebbel, jew li ragonevolment tammonta ghal minacca jew ghal promessa ta' vantagg, u minn-naha l-ohra dak li l-persuna nterrogata tkun ammettiet.*"

Issa, fil-kaz in dizamina, ghandna persuna adulta, nkarigata b'xoghol responsabbli b'*business* ta' hanut ghal

snin twal, li giet interrogata b'mod regolari mill-ufficjali tal-Pulizija.

Fil-fehma tal-Qorti, l-biza' li kellu l-imputat, kien dovut esklussivament ghall-fatt li beda jirrealizza li ma kienx possibbli aktar li jkompli jsostni l-ewwel versjoni tieghu, cioe` li ma kienx jaf li l-oggetti li mporta ma kienux originali, jew ahjar li kienu kontrafatti. Ic-cirkostanzi kollha jindikaw li l-imputat kien jaf dwar l-origini taghhom, tant li wara li tressaq il-Qorti, ttanta jaghtti ghemilu billi pprovda dokumentazzjoni tramite l-*internet* li l-oggetti li huwa mporta, kienu koperti b'certifikat t'origini mic-Cina, li ttanta jipprova li l-oggetti kienu originali.

Veru li jezisti l-kuncett ta' *parallel trading* izda dan m'ghandux x'jaqsam m'importazzjoni t'oggetti li huma kontrafatti.

Illi <u>skond l-artikolu 658</u> tal-Kodici Kriminali, kull haga li l-imputat jistqarr, sew jekk bil-miktub kif ukoll bil-fomm, tista tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm il-darba jinsab li din il-konfessjoni, giet maghmula minnu volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid , jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi.

L-<u>artikolu 659 (2)</u>, imbaghad jiddisponi li fejn tkun tnizzlet konfessjoni bil-miktub, xejn ma jimpedixxi li tittiehed bhala prova kull konfessjoni ohra bil-fomm li tkun saret qabel jew wara.

Illi ghalhekk, dan l-i*statement* tal-imputat jammonta ghal konfessjoni maghmula skond il-ligi w ghalhekk, ghandha tinghata l-importanza taghha. Hija ir-regina tal-provi.

L-imputat m'irnexxilux, meta ha l-pedana tax-xhieda, jikkonvinci lil Qorti li dak li qal fl-i*statement*, ma kienx minnu w ghalhekk, fuq dak li qal hu stess, din il-Qorti sejra tiggudikah.

Illi ghalhekk, l-ewwel akkuza kif disposta fl-Artikolu 198(1)(f) li huwa **<u>xjentement</u>** qieghed fic-cirkolazzjoni

biegh jew zamm ghandu, biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblemi mxebbha b'qerq, tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Tirrizulta wkoll l-akkuza li huwa, ghal skop ta' qliegh u kummerc, offra ghall-biegh xi haga bi ksur tal-jeddijiet tad-drittijiet tal-awtur li kella dritt protett mill-ligi, u dan sabiex jikkaguna telf lil persuna ohra u minghajr il-kunsens tal-propretarju, offra ghal biegh u qassam oggetti li kienu kontrafatti.

Ghaldaqstant **il-Qorti,** rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 18, 298(1)(f), 298B, 49, 50 u 533 tal-Kap 9 u l-artikoli 72(1)(b) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lil imputat ANTHONY TANTI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u wara li rat li l-imputat ikkopera mal-prosekuzzjoni fl-investigazzjoni u li l-fedina penali tieghu mhiex wahda reflettarja, stante li ghandha biss *conviction* wahda registrata fuqha fis-sena 2004, meta instab hati fuq ksur tal-Ordinanza tal-VAT, tiddecidi li tikkundannah ghal hlas ta' multa fl-ammont t'elf, mija u sittax il-euro (€1,116).**

**Dwar l-akkuza ta' recidiva, l-Qorti tiddikjara li ma ssibux hati taghha, stante li s-sentenza li giet esebita mill-prosekuzzjoni fl-ismijiet '<u>Il-Pulizija vs Anthony Tanti'</u> ma gietx konfermata fil-konfront tal-imputat, stante li x-xhud tal-prosekuzzjoni, l-Ispettur Alex Miruzzi, m' gharafx lill-imputat odjern bhala l-istess persuna kontra min inhargu l-akkuzi odjerni.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil imputat ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe ta' Martin Bajada [fol. 278] fl-ammont komplessiv ta' tlett mija u tletin euro u tlieta w hamsin euro centezmi [€330.53] u dan fi zmien sitt (6) xhur mill-lum u jekk l-imputat jonqos li jhallas dan l-ammont, l-istess jigi konvertit fi**

**priġunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**Finalment tordna wkoll d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esibiti f'dan il-procediment u cioe tad-Dokumenti KA 135/06 u KA 297/07 esibiti mill-Ispettur Angelo Gafa u l-espert mahtur mill-Qorti Martin Bajada rispettivament w ghalhekk tordna lil istess Spettur Angelo Gafa sabiex, fil-presenza tar-Registratur tal-Qorti, jeffettwa tali distruzzjoni, b'dan li l-istess Registratur tal-Qorti ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax il-jum mill-lum u dan in linea mas-sentenza moghtija mill-*Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet* <u>Il-Pulizija v Anthony Joseph Portelli</u>.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------